MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Numru 300/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**VINCENT ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Vincent Attard ta’ 32 sena, bin missier mhux maghruf u Pauline Attard , mwieled Pieta  nhar is-8 ta’ Jannar 1976, u residenti 109, Triq ir- Repubblika, Valletta, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 50276(M)

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku u cioe Surgent 728 Brendan Borg, u Kuntistabbli 1101 Keith Azzopardi minghajr ma kkagunalhom griehi, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- Ligi mill-awtorita kompetenti ,

2. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' wiehed nkarigat skond il- Ligi minn servizz pubbliku u cioe' Surgent 728 Brendan Borg , u Kuntistabbli 1101 Keith Azzopardi waqt li kienu ghamlu jew minnhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz bil- hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l- Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is- servizz

3. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta' Carmel Borg detentur tal- karta tal- identita' bin-numru 111764M u cioe' vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar- registrazzjoni HBB617, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros 116.47 izda anqas minn Euros 1164.67

4. U aktar talli fli-istess data, hin , lok u cirkostanzi bil- hsieb li jaghmel feriti ta' natura gravi lil Joseph Borg u wera' dan il- hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad- delitt , liema delitt ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu

5. Kellu f' idejh jew garr fuqu sikkina b' xafra bil-ponta jew strument iehor bil- ponta minghajr licenzja tal-Kummisarju tal- Pulizija

6. Hebb kontra l- persuna ta' Joseph Borg detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 271986M sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u kkagunalu griehi ta'

natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Raymond Sacco M.D

7. Ingurja u jew hedded lil Joseph Borg bi kliem

8. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi , kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied

9. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi , bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Joseph Borg biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta tieghu, jew kontra l- persuna jew il- propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti tieghu

10. U aktar talli renda ruhu recidiv b’sentenza tal-Qorti tal- Magistrati Malta preseduta mill- Magistrat Dr. J. Apap . Bologna LL.D nhar il- 15 ta’ Mejju 2007 liema sentenza saret defenittivi u ma tistax tigi mhassra.

Wara li rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li nghata zmien xieraq skond il-ligi;

Wara li semghet lill-imputat ‘seduta stante’ jiskuza ruhu tal-incident mertu ta’ dawn il-proceduri, u semghet ukoll li sussegwentement l-imputat ghen lill-ufficjali tal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom;

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325, 41, 216, 221, 339(1)(d) u (e), 338(dd), 251B, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 6 u 7 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Vincent Attard hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tlitt (3) snin.

Tordna inoltre l-hrug ta' garanzija kontra l-imputat ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 ghal perijodu ta' sena, favur PS 728 Brendan Borg, PC 1101 Keith Azzopardi, u Joseph Borg, taht penali ta' Euro 500.

Tordna ukoll li l-imputat ihallas is-somma ta' Euro 130 lil Carmel Borg ai terminu tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------